



Dokument ta' sessjoni

A9-0072/2024

7.3.2024

RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2023/2135(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Luke Ming Flanagan

WERREJ

	Paġna
1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
2. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM	18
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	19
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	20

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2023/2135(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022¹,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 (COM(2023)0391 – C9-0254/2023)²,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-attività tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ukoll ir-rapport annwali lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2022,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet³,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni⁴ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁵, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0072/2024),
1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għas-sena

¹ ĠU L 45, 24.2.2022.

² ĠU C, C/2023/2, 12.10.2023.

³ ĠU C, C/2023/103, 4.10.2023.

⁴ ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.

⁵ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

finanzjarja 2022;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċizzjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

2. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2023/2135(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0072/2024),
- A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtaq fuq l-importanza partikolari li tissaħħaħ aktar il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' titjib fit-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont u permezz tal-implimentazzjoni tal-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;
- B. billi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (il-“Kumitat”) huwa korp konsultattiv tal-Unjoni li jipprovdi forum għal konsultazzjoni, djalogu u kunsens fost ir-rappreżentanti tal-varji komponenti ekonomiċi, soċjali u ċivili tas-soċjetà ċivili organizzata mill-Istati Membri;
- C. billi l-Kumitat jikkontribwixxi għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni u, billi jiżgura rabtiet bejn il-politiki u ċ-ċirkostanzi ekonomiċi, soċjali u ċiviċi tal-Unjoni, isegwi l-missjonijiet tiegħu ta' tfassil aħjar tal-liġijiet, demokrazija parteċipattiva minn isfel għal fuq u promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni;
- D. billi l-konsultazzjoni tal-Kumitat mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill hija obligatorja f'ċerti każijiet, filwaqt li l-Kumitat jista' wkoll jadotta opinjonijiet fuq inizjattiva proprja u jgawdi minn marġni wiesa' ta' konsultazzjoni, kif stabbilit fit-Trattati, u dan jippermettilu li jiġi kkonsultat mill-Parlament;
- E. billi l-kummissjoni tal-Kumitat għall-affarijiet finanzjarji u baġitarji hija l-korp supervizzorju tal-Kumitat għall-proċeduri baġitarji kollha u, b'mod partikolari, l-istabbiliment tal-estimi baġitarji, l-implimentazzjoni tal-baġit, ir-rapport annwali tal-attività, il-kwittanza u s-segwitu għar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri (il-“Qorti”);
1. Jinnota li l-baġit tal-Kumitat jaqa' taħt l-intestatura 7 tal-QFP, “Amministrazzjoni pubblika Ewropea”, li kienet tammonta għal total ta' EUR 11,6-il biljun fl-2022, jiġifieri 5,9 % tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li, fl-2022, il-baġit tal-Kumitat kien jirrappreżenta 1,31 % tal-intestatura 7 tal-QFP;

2. Jinnota li l-Qorti, fir-rapport annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2022, eżaminat kampjun ta' 60 tranżazzjoni fl-ambitu tal-Amministrazzjoni, l-istess għadd li kien eżaminat fl-2021; jinnota wkoll li l-Qorti tikteb li n-nefqa amministrattiva tinkludi n-nefqa fuq ir-riżorsi umani inkluża n-nefqa fuq il-pensjonijiet, li fl-2022 kienet tammonta għal madwar 70 % tan-nefqa amministrattiva totali, u n-nefqa fuq il-bini, it-tagħmir, l-enerġija, il-komunikazzjoni u t-teknoloġija tal-informazzjoni, u li l-ħidma tagħha tul bosta snin tindika li, b'mod ġenerali, dan l-infiq huwa ta' riskju baxx;
3. Jinnota li bħala parti mill-awditu tagħha għall-2022, il-Qorti eżaminat is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Kumitat, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern, il-ġestjoni tar-riskju u l-funzjonament tal-kontrolli ewlenin definiti fir-Regolament Finanzjarju, inklużi l-kontrolli *ex ante* u *ex post* fuq il-pagamenti;
4. Jinnota li 14 (23 %) mis-60 tranżazzjoni kien fihom żbalji iżda li l-Qorti, abbażi tal-ħames żbalji li ġew ikkwantifikati, tistma li l-livell ta' żball huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità;
5. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti, fir-rapport annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2022, tiddikjara li ma identifikat l-ebda kwistjoni speċifika li tikkonċerna lill-Kumitat; jinnota wkoll li l-Qorti, fir-rieżami ta' segwitu tagħha, qieset li r-rakkomandazzjoni li saret lill-Kumitat fir-rapport annwali għas-sena finanzjarja 2019 fir-rigward tal-ħtieġa li l-Kumitat jiżviluppa politika ta' funzjonijiet sensitivi f'konformità mal-istandards ta' kontroll intern tiegħu ġiet implimentata f'xi aspetti;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

6. Jinnota li, fl-2022, il-baġit finali adottat għall-Kumitat ammonta għal EUR 152 451 643, u dan jirrappreżenta żieda ġenerali ta' 5,1 % meta mqabbel mal-2021; jinnota li l-linja baġitarja tar-remunerazzjoni u l-indennizzi żdiedet b'5 % bejn l-2021 u l-2022 minħabba l-indiċjar annwali tas-salarji; jinnota li l-linja baġitarja għat-tagħmir tal-bini naqset b'77 % bejn l-2021 u l-2022 u reġgħet lura għal-livelli tas-soltu wara l-implimentazzjoni ta' xogħlijiet importanti ta' rinnovazzjoni fl-2021; jinnota li, mill-bqija, id-distribuzzjoni tal-appropriazzjonijiet bejn il-linji baġitarji fil-baġit tal-2022 baqgħet komparabbli mad-distribuzzjoni tas-snin preċedenti;
7. Jinnota li r-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit kienet ta' 96,12 % fl-2022, wara sentejn ta' implimentazzjoni baġitarja aktar baxxa minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati fuq l-ivvjaġġar; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-pagamenti segwiet l-istess xejra u laqgħet it-88,12 % fl-2022;
8. Jinnota li r-riport tal-appropriazzjonijiet għas-sena 2022 ammonta għal EUR 20 162 518, jiġifieri madwar 13 % tal-baġit annwali tal-2022, u dan kien sostanzjalment oġhla mill-medja fis-snin preċedenti; jifhem li dan ir-riport kien marbut mal-posponiment tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni fl-2020 u l-2021;
9. Jinnota li ż-żmien medju għall-pagament fl-2022 kien ta' 18-il jum, ammont li jirrappreżenta tnaqqis qawwi mill-2019, meta kien ta' 30,19 jum; japprezza li, fl-istess ħin, l-użu tal-fatturazzjoni elettronika żdied minn 58,54 % fl-2018 għal 88,84 % fl-2022, żieda li preżumibbilment ikkontribwiet għat-tnaqqis fiż-żmien għall-pagament matul dak il-perjodu; jilqa' l-fatt li l-Kumitat biddel il-prattiki tiegħu bħala riżultat tar-

rakkomandazzjonijiet tal-awditu intern dwar iż-żminijiet għall-pagament, li tnedja u ngħalaq fl-2022 u kkontribwixxa għal tnaqqis fil-proporzjon ta' pagamenti tard għal madwar 10 % fl-2022;

10. Jinnota li s-servizzi proprji tal-Kumitat nedew 15-il proċedura negozjata ta' akkwist taħt EUR 60 000 fl-2022, prinċipalment għal għarfien espert, studji u appoġġ loġistiku; jinnota li l-proċeduri ta' akkwist fil-qasam tal-loġistika tnedew mis-servizzi konġunti li l-Kumitat jikkondividi mal-Kumitat tar-Reġjuni (il-“KtR”);
11. Jinnota li, fl-2022, il-Kumitat kompli jtejjeb il-kosteffettività tal-metodi ta' ħidma tiegħu, b'mod partikolari bis-saħħa tal-ħidma ibrida, id-dematerjalizzazzjoni sħiħa taċ-ċirkwiti finanzjarji u t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija; jinnota wkoll li l-iffrankar baġitarju u amministrattiv inkiseb permezz ta' kooperazzjoni interistituzzjonali, b'mod partikolari permezz tas-servizzi konġunti mal-KtR u l-esternalizzazzjoni ta' servizzi speċifiċi lill-Kummissjoni (għal tariffa annwali) għat-trattament ta' kwistjonijiet relatati mar-riżorsi umani u l-użu ta' pjattaformi varji tal-IT għall-ġestjoni finanzjarja u għar-riżorsi umani, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali mmexxija minn istituzzjonijiet oħra;
12. Huwa konxju li d-deċiżjonijiet relatati mal-indennizzi tal-membri tal-Kumitat biex jattendu l-laqgħat u mal-ammont ta' tali indennizzi jittieħdu mill-Kunsill; jiddispjaċih li, wara t-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill iddeċieda li ma jħassarx id-deċiżjoni temporanja tal-2021 li tagħti indennizz ta' EUR 145 għall-attenzenza mill-bogħod tal-membri għal-laqgħat, li baqgħet fis-seħħ sal-25 ta' Mejju 2023, meta ġiet adottata deċiżjoni ġdida tal-Kunsill b'rata fissa ta' EUR 145 kuljum għall-attenzenza mill-bogħod tal-laqgħat; iqis li l-attenzenza mill-bogħod hija strument importanti għall-istituzzjonijiet moderni, peress li, fost l-oħrajn, tnaqqas l-ispejjeż tal-laqgħat u tippermetti parteċipazzjoni usa', speċjalment matul sitwazzjonijiet ta' kriżi, kif muri matul il-pandemija tal-COVID-19; iqis, madankollu, li indennizz għall-attenzenza mill-bogħod, minkejja li tnaqqas, huwa diffiċli biex jinftehem mill-pubbliku, aktar u aktar meta titqies id-differenza mħallsa lill-membri tal-Kumitat u lill-membri tal-KtR għall-attenzenza mill-bogħod; jinnota d-diversi livelli ta' kontroll imwettqa biex jagħtu prova li membru jkun qiegħed jattendi laqgħa mill-bogħod qabel il-ħlas tal-indennizz;
13. Jinnota li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ħolqot pressjoni baġitarja għall-Kumitat, inkluż permezz ta' żieda fl-inflazzjoni u l-aġġustamenti tas-salarji, żieda qawwija fl-ispejjeż tal-enerġija u l-ispiża tal-kostruzzjoni u tal-materja prima; jinnota b'mod partikolari li l-ispejjeż tal-enerġija żdiedu minn EUR 726 000 għal EUR 3 125 000 bejn l-2021 u l-2022, jiġifieri żieda ta' 330 %; jinnota li l-attivitajiet *ad hoc* b'appoġġ għas-soċjetà ċivili Ukrena ġġenerawspejjeż diretti u indiretti, bħall-ispejjeż relatati mat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni għall-Ukren u mill-Ukren, l-ospitar ta' NGOs Ukreni, u s-servizzi tas-sigurtà u t-taħriġ għall-missjonijiet fl-Ukrajna;
14. Jinnota li l-baġit 2022 għall-missjonijiet tal-persunal żdied b'EUR 25 000 meta mqabbel mal-2021 u li kien ifffinanzjat minn trasferiment baġitarju, biex ikopri spejjeż ogħla minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tat-titjiriet u tal-lukandi fl-2022, u ammonta għal total ta' EUR 398 974; jinnota li, fl-2022, il-President tal-Kumitat ipparteċipa f'26 missjoni bi spiża totali ta' EUR 38 042, meta mqabbla ma' 12-il missjoni bi spiża totali ta'

EUR 15 327 fl-2021, wara t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar wara t-tmiem tal-pandemija tal-COVID-19;

Ġestjoni interna, prestazzjoni u kontroll intern

15. Jinnota li l-Kumitat isegwi l-missjoni tiegħu permezz ta' opinjonijiet, li jirreferu għal proposti leġislattivi magħmula mill-Kummissjoni (konsultazzjonijiet), opinjonijiet fuq inizjattiva proprja, li jistiednu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jieħdu azzjoni, u opinjonijiet esploratorji, li jikkontribwixxu għall-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-inizjattivi ppjanati tagħha, u li l-pożizzjonijiet tal-Kumitat jistgħu jiġu enfasizzati f'riżoluzzjonijiet jew inklużi f'rapporti ta' evalwazzjoni u informazzjoni; jinnota li, fl-2022, il-Kumitat adotta 202 opinjonijiet u rapporti, u dan huwa konformi mal-prestazzjoni annwali medja tiegħu, esklużi l-2019 u l-2020, meta l-attività tal-Kumitat kienet aktar baxxa; jinnota li l-Kumitat saħħaħ ukoll l-involviment tiegħu fiċ-ċiklu politiku u leġislattiv billi attenda 345 laqgħa, summit u konferenza nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali ta' livell għoli, u billi organizza 116-il seduta ta' smiġħ u 29 konferenza;
16. Japprezza l-proġetti mnedija fl-2022 fir-rigward ta' opinjonijiet ta' segwitu msaħħa bl-għan li jiżiedu s-sensibilizzazzjoni u l-impatt ta' opinjonijiet magħżula u li tittejjeb il-kapaċità tal-Kumitat li jagħti prijorità lill-ħidma tiegħu u fir-rigward tat-titjib tal-puntwalità tal-għoti tal-opinjonijiet tal-Kumitat; jinnota li dawk l-inizjattivi ġew ikkomplementati, fi tmiem l-2022, minn riflessjoni dwar il-format tal-opinjonijiet, li l-għan tagħha huwa li tippromwovi użu aktar effiċjenti u effettiv tal-opinjonijiet tal-Kumitat fil-proċess leġislattiv tat-teħid ta' deċizzjonijiet;
17. Jinnota li, fl-2022, il-Membri tal-Parlament ipparteċipaw f'laqgħat jew avvenimenti organizzati mill-Kumitat fi 68 okkażjoni, ammont li baqa' fl-istess livell bħal fl-2021, filwaqt li l-membri tal-Kumitat kważi rduppjaw il-parteeċipazzjoni tagħhom f'avvenimenti organizzati mill-Parlament matul l-istess perjodu; jilqa' l-fatt li, fl-2022, il-Kumitat iffoka fuq l-intensifikazzjoni tar-relazzjonijiet tiegħu mal-Parlament u fuq il-promozzjoni tal-valur miżjud tal-Kumitat, u b'hekk rawwem rabtiet saħansitra aktar mill-qrib bejn is-sezzjonijiet tal-Kumitat u l-kumitati parlamentari;
18. Jinnota l-parteeċipazzjoni wiesgħa tal-Kumitat f'inizjattivi varji, inklużi avvenimenti ewlenin u konferenzi annwali biex jinvolvi ruħu mal-partijiet ikkonċernati Ewropej; jilqa' l-isforzi li saru mill-Kumitat biex isaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġħ fit-tfassil tal-politika;
19. Jinnota li l-Kumitat kompli jsaħħaħ il-qafas ta' kontroll intern tiegħu fl-2022, bis-simplifikazzjoni taċ-ċirkwiti finanzjarji skont il-proċedura ta' "verifika ħafifa" għal xi tranżazzjonijiet ta' valur baxx, u kompli jiżviluppa l-politika tiegħu dwar pożizzjonijiet sensitivi, kif irrakkomandat mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2019; jinnota li, abbażi tal-aġġornament tal-lista ta' pożizzjonijiet sensitivi matul l-2022 u fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata ta' 36 pożizzjoni fil-bidu tal-2023, il-Kumitat kien għadu qiegħed jaħdem fuq ir-rieżami tal-metodoloġija u s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju, filwaqt li jqis kemm id-daqs tal-istituzzjoni kif ukoll in-natura tal-operazzjonijiet tagħha; jitlob lill-Kumitat jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-metodoloġija ta' pożizzjonijiet sensitivi fl-2023;

20. Jilqa' l-isforzi tal-Kumitat fl-istabbiliment ta' qafas tal-awditjar definit aħjar u aktar konsistenti permezz tal-finalizzazzjoni tal-karta tal-awditjar intern u l-karta tal-kumitat tal-awditjar bir-regoli proċedurali li ġew approvati mill-kumitat tal-awditjar f' Diċembru 2022 u adottati mill-Bureau tal-Kumitat fil-bidu tal-2023; japprezza li l-funzjoni tal-awditjar intern tal-Kumitat issaħħet fl-2022, b' mod partikolari bir-reklutaġġ ta' amministratur fis-servizz tal-awditjar intern u koordinazzjoni mill-qrib mal-awditur intern tal-KtR fl-aspetti kollha relatati mal-awditjar tas-servizzi konġunti; jinnota li erba' awditi tnedew fl-2022 dwar is-suġġetti tal-pagamenti tard, l-awtorizzazzjonijiet tal-laqgħat, iċ-ċiklu strateġiku u l-għażla tad-delegati tal-Kumitat għall-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali;

Riżorsi umani, ugwaljanza u benesseri tal-persunal

21. Jinnota li, fi tmiem l-2022, il-Kumitat kellu total ta' 706 membri tal-persunal, meta mqabbel ma' 699 fl-2021; jinnota li 50 aġent kuntrattwali u 128 aġent temporanju kienu impjegati mill-Kumitat fi tmiem l-2022 (li jirrappreżentaw żieda meta mqabbel ma' 46 aġent kuntrattwali u 107 aġenti kuntrattwali fl-2021), inklużi 19-il aġent kuntrattwali u tliet aġenti temporanji b' terminu kuntrattwali indefinit; jinnota, barra minn hekk, li l-Kumitat impjega 12-il aġent interim u seba' membri esterni tal-persunal li jaħdmu fuq il-post, bl-esklużjoni tal-fornituri esterni tas-servizzi fl-oqsma tal-loġistika u tal-IT; jinnota li, fl-2022, ir-rata ta' okkupazzjoni tal-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal kienet ta' 95,1 %;
22. Jilqa' l-isforzi kontinwi tal-Kumitat biex itejjeb il-qafas tar-riżorsi umani tiegħu bl-għan li jsir impjegatur attraenti u post tax-xogħol kompletament inklużiv fejn kull individwu jkun apprezzat u jkun jista' jiżviluppa bis-sħiħ il-potenzjal tiegħu; jinnota li l-istrateġija integrata tar-riżorsi umani, adottata f' Ġunju 2022, hija artikolata madwar il-prinċipji tal-inklużjoni, iż-żamma, il-kompetenzi u l-prestazzjoni; japprezza li waħda mill-ewwel azzjonijiet ta' segwitu kienet it-tnedija ta' s'fharriġ dwar is-sodisfazzjon tal-persunal f' Jannar 2023, b'enfasi fuq l-involviment tal-persunal;
23. Jissottolinja li l-inklużjoni ta' membri tal-persunal il-ġodda tikkostitwixxi fattur importanti ta' allinjament strateġiku billi tiżgura li l-persunal ikun infurmat dwar ir-regoli u l-istrateġiji stabbiliti f' istituzzjoni; jinnota li t-taħriġ ta' introduzzjoni għall-membri tal-persunal il-ġodda tal-Kumitat reġa' beda f' April 2022; jilqa' l-fatt li l-Kumitat żviluppa skema ta' mentoraġġ fejn il-mentors ingħataw appoġġ u pariri fil-forma ta' skambju tal-aħjar prattiki biex jadattaw il-metodi tagħhom għall-ambjent tax-xogħol ibridu;
24. Jinnota li, bl-għan li jqassam aħjar ir-riżorsi skarsi tiegħu, fl-2022 il-Kumitat ikkummissjona mmappjar estern tar-riżorsi umani u dan ikkonferma l-ammont kbir ta' xogħol f' ħafna servizzi differenti fil-Kumitat fid-dawl tal-iskarsezza tar-riżorsi wara t-tnaqqis tat-tabella tal-persunal fl-2013; jinnota li, bħala segwitu għall-awditu estern dwar l-immappjar tar-riżorsi umani, il-Kumitat beda jħejji pjan ta' azzjoni li jinkludi azzjonijiet fl-ambitu tal-istrateġija integrata tar-riżorsi umani, bħal rieżami tas-sistema ta' evalwazzjoni u prestazzjoni, l-iżvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni interna, l-adozzjoni tad-deċiżjoni l-għdida dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-organizzazzjoni ta' monitoraġġ regolari tal-involviment tal-persunal; jistieden lill-Kumitat jipprovdi aġġornament dwar is-segwitu għall-immappjar tar-riżorsi umani fl-2023;

25. Jinnota b'apprezzament li deċiżjoni ġdida dwar arranġamenti tax-xogħol flessibbli, li tistabbilixxi politika flessibbli u bbażata fuq il-fiduċja għal xogħol ibridu, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 2022 fil-forma ta' proġett pilota, li jipprovdi firxa wiesgħa ta' mudelli tax-xogħol part-time u arranġamenti flessibbli ta' kuljum u ta' kull ġimgħa għall-persunal; jinnota li madwar 25 % tan-nisa u 14,4 % tal-irġiel impjegati mill-Kumitat applikaw għal mudelli tax-xogħol mhux standard fl-2022; jinnota li d-deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tipprovdi lill-persunal il-possibbiltà li jaħdem permezz ta' telexogħol sa 60 % tal-ħin tax-xogħol tiegħu, dment li dan ikun kompatibbli mal-interess tas-servizzi, u li t-telexogħol isir f'post għajr il-post tal-impjieg għal 15-il jum kull sena kalendarja; jinnota li l-persunal tal-Kumitat jiġi pprovdut it-tagħmir meħtieġ biex ikollu kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin meta jaħdem mill-bogħod; jilqa' l-fatt li l-kumitat ta' evalwazzjoni wettaq sħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-persunal li tnieda fi tmiem l-2022; jinnota li d-deċiżjoni finali dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, wara d-djalogu soċjali mal-unions tal-persunal u l-kumitat tal-persunal u s-servizz legali tal-Kumitat, kellha tiġi adottata sa tmiem l-2023; jitlob lill-Kumitat jinforma lill-awtorità ta' kwittanza bl-iżviluppi f'dan ir-rigward fil-ħin;
26. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, anke fl-2022, il-Kumitat ma kienx kapaċi jipprovdi data dwar każijiet ta' burnout fil-Kumitat; jirrispetta l-limitazzjonijiet tal-protezzjoni tad-data, iżda jfakkar lill-Kumitat fl-importanza ta' data statistika anonimizata f'organizzazzjoni bl-għan li tgħin fid-deċiżjonijiet maniġerjali; itenni li għandhom jitqiesu l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, il-prattiki tajbin fir-rigward tal-ġestjoni tal-ammont ta' xogħol, il-komunikazzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll il-politika tar-ritorn għax-xogħol; jifhem li l-adozzjoni tal-arranġamenti ġodda tax-xogħol hija pass pożittiv lejn prevenzjoni aktar effettiva ta' burnout fil-livell organizzattiv, li għandha tqis ukoll is-sejbiet tar-risultati tal-immappjar tar-riżorsi umani;
27. Jinnota li, fl-2022, il-Kumitat kompli jimpjega proporzjon għoli ta' membri tal-persunal nisa (64,6 % tal-persunal kollu), inkluż fil-livell tal-maniġment intermedju (59 % tal-maniġers kollha); jinnota li r-rappreżentanza femminili f'pożizzjoni ta' maniġment superjuri għad trid tittejjeb, peress li tliet maniġers superjuri minn sebgħa biss kienu nisa fi tmiem l-2022; ihegġegħ lill-Kumitat ikompli bl-isforzi tiegħu fir-rigward tal-bilanċ bejn il-ġeneri, b'mod partikolari permezz ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-awtorità tal-ħatra u billi jiżgura li l-kompożizzjoni ta' korpi differenti, inklużi l-bordijiet ta' reklutaġġ u ta' selezzjoni tar-riżorsi umani, tibqa' bbilanċjata bejn il-ġeneri;
28. Jilqa' l-ħidma lejn l-adozzjoni ta' politika ġdida dwar id-diversità u l-inklużjoni mill-2022 sal-2023, f'konsultazzjoni mal-maniġment tal-Kumitat, il-Kumitat Konġunt għall-Ugwaljanza tal-Opportunitajiet tal-Kumitat u l-kumitat tal-persunal tal-Kumitat; jinnota li, minbarra l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna mwettqa, f'Diċembru 2022 twettqet kampanja speċifika ta' sensibilizzazzjoni kontra l-omofobija; jilqa' l-fatt li sessjoni ta' taħriġ speċifiku dwar id-diversità u l-inklużjoni saret obbligatorja għall-maniġers u għet rakkomandata għall-persunal, u li ġie offrut kors dedikat dwar id-diversità u l-inklużjoni lill-membri tal-Kumitat bħala parti mill-programm ta' taħriġ annwali tagħhom; ihegġegħ lill-Kumitat ikompli d-diskussjonijiet tiegħu mal-Parlament bl-għan li jingħaqad mal-Programm ta' Azzjoni Pożittiva għall-Persuni b'Diżabbiltà tal-Parlament sabiex jirrekluta aġenti kuntrattwali b'diżabbiltà; itenni l-appell tiegħu mill-kwittanza tal-2021 biex il-Kumitat jiffinalizza strateġija u pjan ta' azzjoni aġġornati dwar id-diversità u l-inklużjoni;

29. Jinnota li, filwaqt li l-Istati Membri kollha huma rappreżentati fost il-persunal tal-Kumitat, il-bilanċ ġeografiku xorta għadu ma ntlaħaqx peress li xi nazzjonalitajiet għadhom rappreżentati żżejjed meta mqabbla ma' oħrajn; jinnota li fl-2022 il-Kumitat kien jgħodd 21 % tal-manigġers mit-13-il Stat Membru li ssieħbu fl-Unjoni wara l-2004, ammont li jirrappreżenta żieda żgħira meta mqabbel ma' 19 % fl-2021; itenni l-inkoraġġiment tiegħu lill-Kumitat biex ikompli jieħu azzjoni sabiex jikseb distribuzzjoni ġeografika xierqa fost il-persunal tiegħu, b'enfasi partikolari fil-livell manigġerjali;
30. Jinnota li, fl-2022, il-Kumitat ospita total ta' 52 trainee għal terminu ta' ħames xhur, erba' trainees għal terminu ta' tliet xhur u żewġ trainees li ngħataw għotjiet minn korpi pubbliċi esterni; jinnota li t-trainees kollha b'terminu ta' ħames xhur irċevew għotja u indennizz fix-xahar filwaqt li t-trainees b'terminu iqsar ma kienu intitolati għal ebda kontribuzzjoni finanzjarja; jilqa' l-fatt li, anke wara l-appell mill-Parlament matul il-proċedura ta' kwittanza tal-2020, fl-2022 tnediet reviżjoni tad-deċiżjoni dwar it-traineeship tal-Kumitat bl-għan li twaqqaf it-traineeships b'terminu qasir mhux imħallsa u tiżgura li t-trainees kollha jirċievu remunerazzjoni deċenti; jissottolinja li d-deċiżjoni l-ġdida dwar it-traineeships daħlet fis-seħħ f'Lulju 2023, li tiżgura introjtu ta' kull xahar kif ukoll indennizzi għall-ivvjaġġar u l-mobbiltà u indennizz għad-diżabbiltà, meta applikabbli, kemm għat-trainees b'terminu twil kif ukoll għal dawk b'terminu qasir;

Qafas etiku u trasparenza

31. Jinnota li l-Kumitat kompli l-proċess ta' riforma interna tiegħu bl-adozzjoni ta' regoli ta' proċedura ġodda f'Marzu 2022 u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom f'Novembru 2022; xorta jiddispjaċih li r-relazzjonijiet speċifiċi bejn Membru u uffiċjal mhumiex indirizzati separatament fir-rigward tal-fastidju; jinnota li r-regoli ta' proċedura issa huma allinjati u konsistenti mal-kodiċi ta' kondotta adottat fl-2021 wara l-awditu intern tal-Kumitat dwar l-etika u l-integrità; jitlob lill-Kumitat jinforma lill-Parlament jekk evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-awditjar tal-etika u l-integrità ġietx implimentata kif ippjanat u x'kien l-eżitu ta' din l-evalwazzjoni; jilqa' r-riflessjoni mibdija fl-2022 biex titħejja karta ta' valuri għall-persunal tal-Kumitat, wara proċess inklużiv u parteċipattiv li ġie ffinalizzat u kkomunikat lill-persunal fl-2023; jemmen li politika ta' tolleranza zero għall-fastidju biss se tipprevjeni lill-Kumitat minn allegazzjonijiet futuri ta' fastidju u mgħiba ħażina serja;
32. Josserva li, wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni riveduta tal-Kumitat dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta fil-15 ta' Diċembru 2021 (id-Deċiżjoni 297/21A), kif ukoll tad-deċiżjoni riveduta dwar il-proċeduri għall-prevenzjoni u t-trattament tal-fastidju psikoloġiku u sesswali fuq il-post tax-xogħol (id-Deċiżjoni 090/22A), adottata fil-31 ta' Marzu 2022, il-qafas legali etiku mġedded kien mistenni jitlesta b' deċiżjoni riveduta li tistabilixxi dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar proċeduri dixxiplinari u investigazzjonijiet amministrattivi fl-2023, f'koordinazzjoni mal-KtR; jinnota li, fl-2022, ġiet adottata deċiżjoni ġdida dwar l-assenjazzjonijiet u l-attivitajiet esterni (id-Deċiżjoni Nru 141/22A) applikabbli għall-persunal attiv, il-persunal sekondat u l-persunal preċedenti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli fiż-żmien tat-tluq mis-servizz;
33. Jinnota b'sodisfazzjon li, fl-2022, il-Kumitat kompli jħarreġ lill-persunal u jwettaq

sensibilizzazzjoni dwar il-qafas tal-etika stabbilit, b'mod partikolari l-kodiċi ta' kondotta l-ġdid u d-deċiżjonijiet dwar il-fastidju u l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, u r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-konsulenti tal-etika li l-mandat tagħhom beda f'Jannar 2022; jinnota li, fl-2022, 116-il membru tal-persunal, inklużi maniġers u membri tal-persunal ġodda, attendew korsijiet ta' taħriġ intern dwar l-etika u 26 membru tal-persunal attendew korsijiet ta' taħriġ dwar l-etika pprovduti mill-Kummissjoni u mill-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni; jinnota li ġie żviluppat u pprovdut kors ta' taħriġ imfassal apposta lit-tim ta' konsulenti tal-etika; jilqa' l-fatt li 83 % tar-rispondenti għall-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-persunal inniedi fl-2022 wera għarfien sod dwar l-imġiba etika u l-qafas etiku msaħħaħ tal-Kumitat;

34. Jinnota, fir-rigward tal-każijiet ta' fastidju rrapportati fil-kwittanzi tal-aħħar snin, li l-aħħar ftehim ta' soluzzjoni relatat mal-każ OC/2018/0666/A1 tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ġie konkluż fl-1 ta' Ottubru 2022, u b'hekk il-Kumitat seta' jagħlaq bis-sħiħ it-talbiet kollha għall-assistenza relatati ma' dak il-każ; jilqa' l-fatt li, fit-13 ta' April 2022, il-President tal-Kumitat ta' dak iż-żmien għamlet dikjarazzjoni pubblika, ippubblikata fuq is-sit web tal-Kumitat, li tindirizza l-apoloġija uffiċjali tagħha f'isem il-Kumitat għall-vittmi kollha, kemm il-membri tal-persunal kif ukoll l-eks membru, fil-każ inkwistjoni; jilqa' l-fatt li, permezz tas-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2022 fil-kawża C-673/21¹, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-legalità tal-miżuri meħuda mill-Bureau tal-Kumitat fid-deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2020;
35. Itenni l-appell tiegħu lill-Kumitat għal investigazzjoni esterna u indipendenti biex jirriżamina speċifikament il-proċeduri tal-Kumitat fir-rigward tar-riżorsi umani u l-effettività tagħhom, b'enfasi fuq l-identifikazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-ġerarkija amministrattiva fl-indirizzar ta' allegazzjonijiet ta' fastidju u fl-iżgurar tal-benesseri tal-persunal; jirrifjuta, minkejja l-miżuri meħuda biex jissaħħaħ il-qafas etiku tal-Kumitat f'dawn l-aħħar snin, il-pożizzjoni tal-Kumitat li tali investigazzjoni mhijiex meħtieġa peress li l-miżuri stabbiliti ppermettew li l-każ ta' fastidju jiġi indirizzat u jfakkar li l-Parlament diġà esprima tħassib dwar il-fatt li l-Kumitat irreaġixxa ripetitament bil-mod fil-każijiet inkwistjoni;
36. Jinnota li l-Ombudsman Ewropew wettqet tliet inkjesti wara lmenti fl-2022; jinnota li każ wieħed wassal għal investigazzjoni, li kkonkludiet li ma kienet seħħet l-ebda amministrazzjoni ħażina; jinnota li żewġ każijiet oħra nġhalqu mingħajr investigazzjoni, filwaqt li l-Ombudsman qieset li sadanittant iż-żewġ każijiet kienu ġew solvuti;
37. Jinnota bi tħassib li erba' każijiet pendenti ta' allegat fastidju kienu għadhom qegħdin jiġu eżaminati mill-Kumitat fl-2022; jitlob lill-Kumitat jinforma lill-Parlament dwar is-segwitu għal dawk il-każijiet fil-ħin; jinnota li ma kien hemm l-ebda każ ġdid ta' allegat fastidju rrapportat fil-Kumitat dwar il-persunal tiegħu jew il-membri tiegħu fl-2022, iżda huwa konxju li ġew irrappurtati allegazzjonijiet ta' fastidju li jinvolvu membru tal-persunal tal-Kumitat f'istituzzjoni oħra fl-2022; jitlob lill-Kumitat iżomm lill-Parlament infurmat dwar is-segwitu għal dak il-każ f'kooperazzjoni mal-istituzzjoni l-oħra kkonċernata;
38. Josserva li l-Kumitat huwa parti ċivili fil-proċedimenti legali li għaddejjin mibdija mill-

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2022, *KN vs Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*, C-673/21, ECLI:EU:C:2022:759.

awtoritajiet nazzjonali Belġjani kontra eks membru akkużat bi mgħiba ħażina, li bħalissa jinsabu quddiem il-qorti Belġjana jistennew deċiżjoni; jitlob lill-Kumitat jinforma lill-Parlament dwar l-iżvilupp tal-każ fil-ħin;

39. Jinnota li, fl-2022, infetħu formalment tliet każijiet ta' żvelar ta' informazzjoni protetta mill-membri jew mill-persunal; jinnota li t-tliet każijiet ġew kollha kemm huma ttrattati u magħluqa malajr bir-rispett dovut kollu għall-protezzjoni tal-informaturi f'konformità mad-deċiżjoni tiegħu dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta (id-Deċiżjoni 297/21A); jinnota wkoll li żewġ każijiet ta' żvelar potenzjali ta' informazzjoni protetta tressqu lill-konsulenti tal-etika fl-2022 iżda l-ebda wieħed minnhom ma ġie kkonfermat;
40. Japprezza r-rieda tal-Kumitat li jikkoopera mal-korpi investigattivi tal-Unjoni (l-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)); jinnota li, fl-2022, l-OLAF għalaq żewġ każijiet ta' allegata miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Unjoni u irregolaritajiet possibbli u mgħiba ħażina serja li kienet tikkonċerna żewġ membri fin-nuqqas ta' evidenza ta' frodi u sejbiet; jinnota bi tħassib li l-OLAF nieda tliet każijiet ġodda kontra membri dwar frodi potenzjali fl-2023, li tnejn minnhom ingħalqu fl-istess sena u ntbagħtu lill-UPPE għal eżami; jinnota li l-OLAF irrefera każ wieħed dwar allegat ksur tal-kodiċi ta' kondotta minn membru lill-kumitat tal-etika tal-Kumitat; jitlob lill-Kumitat jinforma lill-Parlament dwar is-segwitu għal dak il-każ fil-ħin;
41. Jifraħ lill-Kumitat talli ħa d-deċiżjoni li, mill-1 ta' Ġunju 2023, jissieħeb formalment fir-reġistru tat-trasparenza tal-UE stabbilit mill-ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza²; jinnota li l-Kumitat, fil-21 ta' Marzu 2023, adotta diversi miżuri ta' trasparenza f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-rigward tar-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE, bħal rakkomandazzjoni għall-membri fil-kariga biex jiltaqgħu biss mal-partijiet ikkonċernati rreġistrati, l-obbligu għall-membri fil-kariga li jipubblikaw il-listi tal-laqgħat tagħhom u "impronta leġiżlattiva" volontarja għar-rapporteurs;
42. Jiddispjaċih li l-Kumitat għandu sensiela ta' miżuri stabbiliti biex jipprevjeni l-frodi iżda għadu ma stabbiliex strateġija integrata kontra l-frodi, minkejja t-talbiet preċedenti min-naħa tal-Parlament; jilqa' l-fatt li l-Kumitat lesta inventarju dwar l-oqsma li huma rilevanti għat-tnedija ta' analiżi interna tar-riskju ta' frodi, bħal politiki u proċeduri, taħriġ tal-persunal u kooperazzjoni ma' korpi oħra, bl-għan li jittejjeb il-qafas kontra l-frodi;

Diġitalizzazzjoni, ċibersigurtà u protezzjoni tad-data

43. Jinnota li l-baġit ikkombinat tal-IT tal-Kumitat u tal-KtR ammonta għal EUR 11 712 000 fl-2022, inkluż tisħiħ ta' EUR 750 000 permezz ta' trasferiment baġitarju intern matul is-sena, meta mqabbel ma' EUR 12 860 000 fl-2021, jiġifieri tnaqqis ta' 9 %;
44. Jinnota li l-Kumitat għandu strateġija diġitali bl-għan li jipprovdi servizzi tal-IT skont l-aħjar prattiki tal-ġestjoni tal-IT filwaqt li jottimizza l-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji; jinnota li l-Kumitat ħadem fuq l-adattament u l-iżvilupp ta' diversi għodod strateġiċi tal-

² ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1.

IT matul l-2022 bl-għan li jtejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-ħidma politika tal-Kumitat u tal-proċessi amministrattivi u l-flussi tax-xogħol tiegħu; jinnota li l-proġett ewlieni tal-infrastruttura tal-IT fl-2022 kien jikkonċerna adattament tat-tipoloġija tan-network meħtieġa għall-kamra l-ġdida tal-kompjuters fil-Binja Jacques Delors (JDE) f'konformità mal-pjan direzzjonali ibridu tal-cloud;

45. Jinnota li l-Kumitat żied l-ammont ta' laqgħat ibridi fl-2022 sabiex jadatta għax-xogħol ibridu u jottimizza l-modi ta' ħidma tiegħu, b'mod partikolari billi naqqas l-għadd ta' missjonijiet; jifhem li dan il-mod ġdid ta' ħidma kien jirrikjedi aġġornament tekniku f'termini ta' tagħmir għall-kmamar tal-laqgħat ibridi;
46. Jinnota li l-Kumitat ma ffaċċja l-ebda attakk ċibernetiku fl-2022; jinnota li d-direttorat konġunt il-ġdid tal-Kumitat u tal-KtR għall-innovazzjoni u t-teknoloġija tal-informazzjoni huwa magħmul minn tliet unitajiet, jiġifieri t-trasformazzjoni diġitali, is-soluzzjonijiet diġitali u l-pjattaformi diġitali; jinnota li l-unità għall-pjattaformi diġitali hija responsabbli, fost l-oħrajn, għaċ-ċibersigurtà; jitlob lill-Kumitat jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar kif il-ħolqien ta' din l-istruttura l-ġdida kkontribwixxa għat-tiżiħ tat-tnejjija fir-rigward taċ-ċibersigurtà tal-persunal tiegħu, f'konformità mal-qafas taċ-ċibersigurtà NIST (l-Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija) u f'kooperazzjoni mas-Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni (CERT-UE); ihegġegħ lill-Kumitat iwettaq sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà fost il-Membri u l-persunal tiegħu, iwettaq valutazzjonijiet tar-riskju regolari tal-infrastruttura tal-IT tiegħu u jiżgura awditi u testijiet regolari tad-difiżi ċibernetiċi tiegħu;
47. Jinnota l-użu mill-Kumitat ta' teknoloġija b'sors miftuħ fis-sistemi tiegħu stess, b'mod partikolari l-applikazzjonijiet operattivi ewlenin użati għall-ġestjoni tal-ħidma politika tal-Kumitat (Agora u Phoenix); jinnota wkoll li l-Kumitat isegwi l-użu ta' teknoloġiji b'sors miftuħ fil-portafoll annwali tal-IT tiegħu sabiex jiġu applikati għal applikazzjonijiet ġodda;
48. Jinnota li, fl-2022, il-Kumitat kien qiegħed jagħmel progress f'dik li hija l-adozzjoni ta' qafas ġdid għall-ġestjoni tad-dokumenti sabiex jissaħħu t-trasparenza u l-aċċessibilità; josserva b'interess li l-Kumitat beda jevalwa l-fattibilità teknika u l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-użu tas-Sistema Elettronika ta' Ġestjoni tar-Rekords (Ares) tal-Kummissjoni fi żmien debitu;

Binjiet

49. Jinnota li l-Kumitat u l-KtR tilfu 5 000 m² fi spazju għall-uffiċċji wara t-teħid tal-kuntratt tal-kiri tal-eks binja tas-SEAE f'Belliard 100, li beda japplika f'Settembru 2021, u l-iskambju tal-bini bejn Belliard 68 u Trèves 74 tal-Kumitat u tal-KtR u Van Maerlant 2 (VMA) tal-Kummissjoni, li beda japplika f'Settembru 2022; jinnota li xogħlijiet ta' sistemazzjoni fiż-żewġ binjiet li għadhom kif ġew akkwistati kienu meħtieġa biex jippermettu użu aktar intensiv tal-ispace għall-uffiċċji; jilqa', fl-2022, l-istabbiliment ta' task force konġunta dwar modi ġodda ta' ħidma, biex din tirrifletti dwar l-ottimizzazzjoni possibbli tal-mod kif jiġi organizzat ix-xogħol u kif jintuża l-ispace għall-uffiċċji, filwaqt li titnaqqas l-impronta ambjentali;
50. Jinnota li l-baġit totali allokat fl-2021 u fl-2022 għar-rinnovazzjoni tal-VMA mit-tielet

sad-disa' sular mill-Kumitat u l-KtR ammonta għal EUR 9,54 miljun; jinnota li x-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni mwettqa mill-Kumitat u l-KtR integraw l-użu ta' teknoloġiji intelliġenti għall-iffrankar tal-enerġija b'komponent ambjentali qawwi; jitlob lill-Kumitat jipprovdri aġġornament dwar ir-redditu fuq l-investment ta' dawn l-installazzjonijiet teknoloġiċi;

51. Jinnota li, fl-2022, l-istrateġija tal-bini tal-Kumitat u tal-KtR ffukat fuq il-konċentrazzjoni ġeografika tal-binjiet, li nkisbet billi nħolqot konnessjoni fiżika bejn il-binjiet kollha użati mill-Kumitati u l-binja ewlenija tagħhom (JDE); jilqa' l-konnessjoni fiżika ġdida mal-binjiet tal-Parlament, li saret operattiva f'Novembru 2022 u li toffri perkors aktar dirett, aktar faċli u iqsar ta' 125 m bejn il-binjiet tal-Kumitat u tal-KtR u l-binjiet tal-Parlament;
52. Jilqa' l-impenn tal-Kumitat u tal-KtR li japplikaw b'mod sistematiku l-prinċipju ta' "disinn universali" għall-infrastruttura tagħhom, filwaqt li jiżguraw l-aċċessibbiltà tal-bini tagħhom mid-disinn; jinnota li l-Kumitat u l-KtR ħadu firxa ta' miżuri differenti biex jiżguraw l-aċċessibbiltà tal-bini tagħhom għal persuni b'diversi tipi ta' diżabbiltà;

Ambjent u sostenibbiltà

53. Jilqa' l-prattiki sostenibbli u b'mod partikolari l-approċċ mingħajr karti tal-Kumitat u tal-KtR li kkontribwixxa għat-tnaqqis tal-impronta ambjentali tagħhom f'konformità mal-istrateġija diġitali; jifraħ lill-Kumitati talli qabżu l-oġettivi tal-EMAS għall-2021-2025, ħlief l-oġettivi relatati mal-konsum tal-gass; jinnota li ġie allokat baġit ta' EUR 60 000 għall-iskema ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju tal-Kumitat permezz tax-xiri ta' krediti ta' karbonju ta' kwalità għolja fl-2023;
54. Jinnota li, fl-2022, il-produzzjoni totali tal-elettriku ġġenerata mill-pannelli solari fuq il-bini tal-Kumitat u tal-KtR kienet ta' madwar 15,5 MWh, u din tirrappreżenta 0,25 % tal-konsum annwali totali tal-Kumitat u tal-KtR; jinnota li, mis-16 ta' Settembru 2022, il-JDE biss kien mgħammar b'pannelli solari; huwa konxju li minħabba l-proċeduri amministrattivi, il-Kumitat u l-KtR se jiffaċċjaw dewmien qabel ma jkun jistgħu jestendu l-installazzjoni tal-pannelli solari tagħhom;
55. Jifraħ lill-Kumitat talli stabbilixxa pjan ta' negozju għat-trasport bi ftehim mad-dipartiment tal-mobbiltà tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali, li warajh il-Kumitat jimpenja ruħu li jwettaq sħarriġ obligatorju dwar il-mobbiltà fost il-persunal tiegħu kull tliet snin; jinnota li l-Kumitat stabbilixxa pjan ta' mobbiltà sostenibbli bl-għan li jħeġġeġ lill-persunal tiegħu juża mezzi ta' trasport aktar sostenibbli, inkluż permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja għall-abbonamenti tat-trasport pubbliku tal-persunal jew kontribuzzjoni finanzjarja ta' kull xahar għall-membri tal-persunal li jużaw rota biex jaslu fil-post tax-xogħol; jinnota li l-Kumitat qed jesplora soluzzjonijiet addizzjonali, bħall-provvista ta' roti elettroniċi u l-installazzjoni ta' ċarġers addizzjonali għall-karozzi elettriċi;

Kooperazzjoni interistituzzjonali

56. Jilqa' l-iffrankar baġitarju u amministrattiv miksub permezz tal-kooperazzjoni interistituzzjonali, b'mod partikolari l-kooperazzjoni mill-qrib stabbilita fil-livell amministrattiv mal-KtR, li miegħu l-Kumitat jikkondividi l-bini u s-servizzi konġunti fl-

oqsma tat-traduzzjoni, l-infrastruttura, il-loġistika u l-IT, filwaqt li jżomm l-awtonomija istituzzjonali sħiħa tiegħu; jinnota li, fl-1 ta' Ottubru 2022, inħolqu servizzi konġunti ġodda, inklużi direttorat ġdid għall-innovazzjoni u t-teknoloġija tal-informazzjoni, unità tas-sigurtà u s-sikurezza u unità tal-akkwist pubbliku u l-ġestjoni finanzjarja, bħala parti mill-ftehim il-ġdid ta' kooperazzjoni iffirmit mal-KtR fl-2022; jinnota wkoll li 470 membru tal-persunal u EUR 55 miljun kienu miġbura flimkien mill-Kumitat u l-KtR fl-2022, li minnhom aktar minn EUR 30 miljun ġew mill-Kumitat, bl-esklużjoni tan-nefqa relatata mas-salarji; jistieden lill-Kumitat isegwi u jespandi dik il-kooperazzjoni f'oqsma oħra bl-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġu razzjonalizzati aktar l-ispejjeż operattivi tas-servizzi disponibbli fil-bini kondiviż bejn il-Kumitat u l-KtR; jistieden lill-Kumitat u lill-KtR jesploraw il-possibbiltà li jstabbilixxu amministrazzjoni unika għas-servizzi konġunti tagħhom, filwaqt li jżommu direttorati jew unitajiet separati għas-servizzi li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-mandati speċifiċi u indipendenti tagħhom;

57. Jilqa' t-fittxija tal-Kumitat għal sinerġiji billi jixtri servizzi minn istituzzjonijiet oħra permezz ta' ftehimiet fil-livell ta' servizz u billi jipparteċipa f'korpi ta' koordinazzjoni interistituzzjonali u proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali; jinnota li l-Parlament jipprova b'mod partikolari servizzi ta' interpretazzjoni għall-plenarji tal-Kumitat li jsiru fil-bini tal-Parlament u għal xi laqgħat li jsiru fil-bini tal-Kumitat;
58. Jilqa' l-involviment imsaħħaħ tal-Kumitat fiċ-ċiklu leġiżlattiv u jistieden lill-Kumitat jiżgura li l-opinjoni tiegħu jiġu kondiviżi mal-membri tal-kumitati rilevanti tal-Parlament f'konformità mal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament u l-Kumitat;
59. Jinnota li l-Kumitat kompli u intensifika l-kooperazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni fl-2022 fil-kuntest tal-ftehim fil-livell ta' servizz mal-Uffiċċju ta' Investigazzjoni u Dixxiplina dwar l-appoġġ għall-inkjesti amministrattivi tal-Kummissjoni u fil-qafas tal-protokoll ta' kooperazzjoni aġġornat fl-2022 li jsaħħaħ is-sinerġiji politiċi, leġiżlattivi u ta' komunikazzjoni bejn daww iż-żewġ istituzzjonijiet, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u s-Semestru Ewropew; jinnota li, skont il-protokoll aġġornat ta' kooperazzjoni, l-użu tal-opinjoni esploratorji tal-Kumitat mill-Kummissjoni ssaħħaħ, u b'hekk issaħħaħ l-involviment tal-Kumitat fiċ-ċiklu leġiżlattiv tal-Unjoni;
60. Jinnota li l-Kumitat għandu rwol ċentrali fit-tiħiħ tar-rabtiet mal-kunsilli ekonomiċi u soċjali nazzjonali tal-Istati Membri u bejniethom; iħeġġeġ lill-Kumitat ikompli jrawwem il-kooperazzjoni dwar suġġetti ta' interess komuni u dwar Prattiki Tajba u jenfasizza kif is-soċjetà ċivili tagħti l-kontribut tagħha għall-isfidi attwali tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-iskambju tal-persunal u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti komuni;

Komunikazzjoni

61. Jinnota li, fl-2022, il-baġit globali tal-Kumitat għall-komunikazzjoni kien ta' EUR 1,5 miljun, l-istess ammont bħal fl-2021; jinnota li dan il-baġit ġie primarjament allokat biex jappoġġja l-iżvilupp u ż-żamma tas-sit web tal-Kumitat, il-komunikazzjoni tal-media soċjali, il-monitoraġġ tal-media, ir-relazzjonijiet mal-media u l-promozzjoni ta' attivitajiet u avvenimenti ewlenin tal-Kumitat, bħall-Premju għas-Soċjetà Ċivili u l-

attivitajiet relatati mal-Kumitat fil-ħidma tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (CoFE) u l-appoġġ tal-Kumitat għall-Ukrajna;

62. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kumitat ta' strateġija ġdida ta' komunikazzjoni mmexxija mid-data f'Ottubru 2022, maħsuba biex iżżid il-portata tal-komunikazzjoni tal-Kumitat u l-impatt tal-opinjoni tiegħu u li tiddefinixxi l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili Ewropej (OSC) u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni bħala l-miri ta' komunikazzjoni ewlenin tagħha; jinnota wkoll li, fl-2022, il-Kumitat aġġorna r-regoli dwar is-sħubija bl-għan li jsaħħa l-involviment strateġiku tiegħu mal-OSC permezz ta' avvenimenti tematiċi;
63. Jinnota li l-Kumitat organizza avvenimenti ibridi ewlenin dwar kwistjonijiet topiċi ta' rilevanza għas-soċjetà ċivili, bħall-avveniment ta' livell għoli tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa "Insawru l-Ewropa flimkien - il-futur huwa f'idejk", l-avveniment annwali taż-żgħażaġh "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek" għall-istudenti u l-għalliema tal-Unjoni u tal-pajjiżi kandidati u s-sessjoni plenarja annwali taż-żgħażaġh "Il-Verità dwar il-Gideb. Iż-żgħażaġh jiġġieldu d-diżinformazzjoni" għall-istudenti; jinnota li l-Kumitat organizza wkoll attivitajiet aktar speċjalizzati li jiffukaw fuq is-Sena taż-Żgħażaġħ u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, indirizzati lill-ġurnalisti u lill-professionisti tal-komunikazzjoni tal-OSC;
64. Jilqa' l-fatt li l-firxa ġenerali tal-komunikazzjoni tal-Kumitat żdiedet fl-2022 meta mqabbla mal-2021, b'mod partikolari permezz tal-kopertura tal-media u l-preżenza fuq il-web u l-media soċjali; jinnota li l-għadd ta' żjarat fil-paġna ċentrali ta' Facebook żdied b'96,9 % (57 000 żjara) u l-għadd ta' żjarat fil-kont ta' Instagram żdied b'97,9 % (20 000 żjara) filwaqt li l-għadd ta' utenti ta' Facebook żdied b'1,1 % (6 miljun utent), il-portata tal-pubblikazzjonijiet tiegħu fuq Instagram żdiedet bi 33 % (aktar minn 3 miljun utent), il-posts ippubblikati fuq LinkedIn iġġeneraw kważi 1,2 miljun impressjoni, u t-tweets ippubblikati fuq X (dak li qabel kien Twitter) ġabru aktar minn sitt miljun impressjoni; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Kumitat, mill-2023, fil-proġett pilota mmexxi mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data bl-għan li jġib lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fuq EU-Voice u EU-Video, li huma żewġ networks tal-media soċjali ħielsa u b'sors miftuħ, ibbażati fuq is-software Mastodon, li jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jinteraġixxu mal-pubbliku billi jikkondividu testi, stampi, vidjows u podcasts;
65. Jilqa' l-fatt li l-Kumitat jiżgura li ċ-ċittadini jkollhom aċċess miftuħ għad-dokumenti tiegħu permezz ta' reġistru elettroniku ddedikat; jinnota li l-Kumitat jikkontribwixxi għall-portal tad-data miftuħa tal-Kummissjoni bis-settijiet tad-data tiegħu stess, u b'hekk jippromwovi trasparenza akbar fl-operazzjonijiet tiegħu permezz ta' data aċċessibbli liberament f'formati li jistgħu jinqraw mill-bniedem u mill-magni u jsaħħa ir-rabta maċ-ċittadini.

**ANNES: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Secretary General of the European Economic and Social Committee

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	22.2.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gilles Boyer, Olivier Chastel, Caterina Chinnici, Carlos Coelho, Beatrice Covassi, Luke Ming Flanagan, Daniel Freund, Isabel García Muñoz, Monika Hohlmeier, Joachim Kuhs, Petri Sarvamaa, Eleni Stavrou, Angelika Winzig, Lara Wolters
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Corina Crețu, Jozef Mihál, Andrey Novakov, Mikuláš Peksa, Sabrina Pignedoli, Michal Wiezik
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marie Dauchy, Ljudmila Novak, Mick Wallace

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

19	+
NI	Sabrina Pignedoli
PPE	Caterina Chinnici, Carlos Coelho, Monika Hohlmeier, Ljudmila Novak, Andrey Novakov, Eleni Stavrou, Angelika Winzig
Renew	Gilles Boyer, Olivier Chastel, Jozef Mihál, Michal Wiezik
S&D	Corina Crețu, Isabel García Muñoz, Lara Wolters
The Left	Luke Ming Flanagan, Mick Wallace
Verts/ALE	Daniel Freund, Mikuláš Peksa

2	-
ID	Marie Dauchy, Joachim Kuhs

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni